MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 189/2008

Kawza fil-lista: 12

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar is-17 ta' Jannar, 1987 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gwann kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt itfal E F ta' 20 sena u G H ta' 17-il sena;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ghax ghalkemm mhux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zwieg li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 t' Awwissu, 1990 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art. 19(1d), (1f) u (1h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna ali dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghall-*capita nullitatis* kontemplati fil-

paragrafi [d] fil-konfront ta' l-attrici, u fil-paragrafu [h] fil-konfront taz-zewg partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Jannar 1987 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut minn naha tieghu jattribwixxi n-nullita' ghar-ragunijiet kontemplati fil-paragrafi [d] u [h] fuq citati.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Jannar 1989 meta allura l-attrici kellha 16-il sena u l-konvenut kellu 18-il sena, u meta l-attrici kellha tlett xhur tqala. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal : fis-17 ta' Lulju 1987 u fil-15 ta' Marzu 1991. Wara konvivenza turbulenti ta' circa tlettax-il sena, il-partijiet isseparaw de facto defenittivament.

Illum l-attrici qeda tghix ma' ragel iehor f' relazzjoni stabbli li ilha ghaddejja hames snin, u ghandha zewgt itfal minn din ir-relazzjoni ; filwaqt li l-konvenut jghix ma' mara ohra f' relazzjoni stabbli li ilha ghaddejja ghaxar snin, u ghandu tifel minn din ir-relazzjoni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li hi kienet bdiet tiffrekwenta lill-konvenut meta kellha 12-il sena u hu kellu 14-il sena. Ma kellhomx relazzjoni stabbli, stante li, ghalkemm il-konvenut kien johrog maghha okkazzjonalment, huwa kien johrog ma haddiehor ukoll. Meta kellha 14-il sena bdew ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien, bir-rizultat li ta' 16-il sena harget tqila. Dan kien xokk kbir ghaliha, u fix-xhieda

taghha tghid li l-familja taghha kienet ghala antika u ommha qatt ma kienet tghidilha xejn, u ma kienitx taf bl-uzu tal-prekawzzjonijiet. Tghid li dak iz-zmien ma kienitx timmagina li setghet tohrog tqila.

B’ dan kollu, tghid li ma kienx hemm pressjoni da parti ta’ hadd biex tizzewweg lill-konvenut ; u d-decizjoni haduha liberament, pero’ tasserixxi li kieku ma hargitx tqila ma kienitx tizzewweg, almenu daqshekk malajr. Inoltre, nonostante li kienet taf li fl-istess gimgha taz-zwieg, il-konvenut kien hareg ma mara ohra, hija xorta wahda ghaddset rasha u zzewwgitu, kemm ghax kienet thobbu u wkoll kienet tahseb li “l-affarijiet ser jitrangaw”1, kif ukoll ghax il-preparamenti kienu kollha lesti.

Tirrakkonta li, wara z-zwieg, il-konvenut ried u baqa’ bl-istess rutina ta’ meta kien ghadu guvni, u mill-bidu nett kien johrog wahdu nhar ta’ Gimgha u nhar ta’ Sibt biex jiltaqa’ ma’ shabu Paceville, filwaqt li l-attrici, li kienet tqila, kienet tibqa’ d-dar. Huwa kien jinsisti li jibqa’ johrog, nonostante l-oppozizzjoni qawwija taghha, u gieghli kien vjolenti maghha f’ argumenti li kienu jinqalghu minhabba f’ hekk. L-attrici tilmenta mill-fatt li okkazzjonalment il-konvenut kien jerfa’ idejh fuqha.

Bejn it-twelid ta’ l-ewwel tarbija u tat-tieni tarbija, il-konvenut kien ammetta ma’ l-attrici li kellu x’ jaqsam sesswalment ma’ mara separata gewwa s-suana fil-gym fejn kien imur tas-spiss, u hi tghid li din il-mara harget tqila mill-konvenut. Wara xi zmien l-attrici kienet waqet f’ depressjoni. Sussegwentement huwa dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra li minnha ghandu tarbija. Fis-sena 2000 il-partijiet isseparaw defenittivament.

L-attrici tispjega li hi damet tissaport fil-konvivenza matrimonjali bl-isperanza li l-affarijiet jitrangaw, u ghalhekk damet tghix mal-konvenut tlettax-il sena, sakemm eventwalment il-konvivenza kienet saret insapportabbli ghaliha.

---

[1] Fol.25

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jikkonferma dak li qalet l-attrici dwar il-perijodu ta' qabel iz-zwieg, u jikkonferma wkoll li fil-gimgha taz-zwieg huwa kien hareg ma habiba tieghu u kellu x' jaqsam sesswalment maghha. Jghid li gieghli refa' idejh fuq martu, u li seta' kien aggressiv peress li huwa kien jiehu l-isteroids. Jghid pero' li dejjem hadem ghall-familja u lil martu u lil uliedhom ma kienx ihallihom neqsin.

Rigward ir-relazzjonijiet tieghu ma' nisa ohra jghid li meta kien guvni "gieghli ghaffigt" u "wara [iz-zwieg] naqqast hafna [minn dawn il-] kummiedji, imma gieghli kien hemm xi okkazzjoni li zbaljajt."2 Jispjega li meta kien ikollu xi jghid ma' l-attrici, kien johrog, u jmur f' xi bar fejn gieghli kien jinzerta li jkellem xi mara, u kien ikollu x' jaqsam maghha. "one night stands, il-bicca l-kbira."3; u dan minn xi xhur mid-data taz-zwieg.

Jghid li hemm allegazzjoni li hu ghandu tarbija, li llum ghandha circa 13-il sena, minn mara separata, izda jghid li ma gie stabbilit xejn, u lanqas saru testijiet tad-DNA, ghax dik il-mara kienet fil-process tas-separazzjoni.

Jikkonferma li eventwalment l-attrici kienet qabditha dipressjoni li damet fuqha circa erba' snin, u gieghli kienu jisseparaw ghal ftit taz-zmien. Fil-frattemp huwa kien dahal f' relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra, u li issa ilha ghaddejja circa 10 snin, u minn din ir-relazzjoni ghandu tifel ta' disa' snin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, anke peress li din tinsab korroborata minn xhieda ohra, u f' certu aspetti taghha konfermata mix-xhieda ta' l-istess konvenut.

Mill-provi migjuba, il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-

[2] Fol.55
[3] Fol.56

paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19 fuq citat, stante li mill-komportament tieghu, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, u tul il-konvivenza matrimonjali, huwa wera li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, meta allura kellu 18-il sena, huwa kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali, u senjatament id-drittijiet u dmirijiet taghha, bhala unjoni esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Jirrizulta manifest li l-konvenut ma kienx fehem dawn l-obbligi, bir-rizultat li, anke wara z-zwieg, huwa ried ikompli jghix il-hajja libera ta’ guvni bl-indugju tal-“one night stands” okkazzjonali. Dan kien ta’ ostakolu serju sabiex il-partijiet jirnexxilhom jistabbilixxu bejniethom “a community of love and life”.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Jannar 1987.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------